**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 8/2008 AF**

**Joseph Mulhern**

**vs**

**Sundream Limited (C-10426)**

**u**

**Paul Chetcuti ezercenti il-kummerc taht l-isem Mecca Enterprises**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Joseph Mulhern li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fl-1 ta' Mejju 2007, l-esponenti akkwista minghand is-socjetà intimata Sundream Limited dghajsa tat-tip Fibrafort Style 215 kif ukoll magna outboard tal-marka Tohatsu MD 115 HP. Ghal din id-dghajsa u l-magna imsemmija, l-esponent hallas lis-

socjetà intimata s-somma globali ta' ghal circa Ewro39,391.00 ekwivalenti ghal Lm16,906.92 kif jirrizulta mir-ricevuta hawn annessa u mmarkata Dok. JM1 u kuntratt anness u mmarkat Dok. JM2. Parti mill-prezz thallas permezz ta' transazzjoni tal-karta tal-kreditu tal-esponenti li taghha l-esponenti hallas charges ulterjuri ta' circa Ewro 117.00 ekwivalenti ghal Lm50.00 li tnaqqsu unilateralment mis-socjetajiet intimati jew min minnhom.

Ghandu jinghad illi l-korrispondenza kollha li ghaddiet bejn il-partijiet qabel u wara l-bejgh imsemmi sar ma' Mecca Enterprises kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tar-rikors u ghaldaqstant, l-esponenti, sabiex jipprotegi l-interessi tieghu kellu jintavola ir-rikors odjern kontra z-zewg socjetajiet.

Id-dghajsa msemmija giet varata nhar l-4 ta' Lulju 2007 bil-ghajnuna ta' rapprezentanti tal-istess socjetajiet intimati. Din tnizzlet fil-bajja ta' Bugibba u nstaqet mill-esponenti minn Bugibba sal-Bajja ta' San Gorg f'San Giljan fejn l-esponenti kellu l-irmigg u l-baga li maghhom rabat id-dghajsa msemmija.

Wara ftit jiem irrizulta lill-esponenti illi d-dghajsa msemmija kienet kolpita b'difetti latenti u minkejja diversi tentattivi da parti tieghu sabiex jirrizolvi l-problemi bonarjament mar-rapprezentanti tas-socjetà intimata u minkejja li d-dghajsa ittellet mill-bahar diversi drabi mill-initmati sabiex jirrangaw id-difetti msemmija, xorta wahda dawn ma sabux il-kaptu taghhom u baqghu inadempjenti meta interpellati sabiex jersqu ghar-rexissjoni tal-kuntratt u ghar-rifuzjoni tal-prezz tad-dghajsa u tal-magna flimkien mal-imghax u mal-ispejjez ulterjuri li kien kostrett jidhol fihom l-esponenti. Minkejja li d-Diretturi tas-socjetajiet intimati accettaw quddiem ir-rikorrenti u l-konsulent legali tieghu illi kienu ser jiktbu lid-ditta li mmanufatturat id-dghajsa biex jew jaghtuh dghajsa gdida jew jirrifondulu l-flus, dawn baqghu ma ghamlu xejn. Jinghad però illi f'dan l-inkontru, ir-rikorrenti irrifjuta illi jiehu dghajsa simili bhal dik mertu tar-rikors odjern billi beza' li jerga jigri l-istess.

Ghalkemm dawna ppromettew li jaghmlu kuntatt mar-rikorrenti jew mal-legali tieghu dwar l-ezitu tal-arrangament li kien sar biex tigi rifuza lilu s-somma mhallsa oltre spejjez ohra

konnessi, baqa' qatt ma sar kuntatt minn naha tad-diretturi tas-socjetajiet intimati u minhabba n-natura ta' din l-azzjoni partikolari l-esponenti kien kostrett imexxi b'din il-procedura.

Ghandu jinghad ukoll li inoltre l-esponenti kellu jhallas is-somma ta' Ewro687.35 ekwivalenti ghal Lm295.00 sabiex isir survey report tad-dghajsa mill-Inginer Marittimu Philip Grima li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. JM3 liema survey u ritratti gew murija lid-diretturi tas-socjetajiet intimati li t-tnejn qablu mal-konkluzjonijiet tieghu li dghajsa gdida fjamanta qatt ma messha gralha li gralha fi zmien xahrejn minn meta giet varata.

Ai termini tal-artiklu 1428(1) tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta jigi dikjarat illi minkejja li l-magna mixtrija flimkien mad-dghajsa ma kienitx kolpita minn difetti kif kienet kolpita d-dghajsa, l-esponenti qieghed jintavola dawn il-proceduri sabiex jigi rexiss il-kuntratt ta' akkwist tad-dghajsa kif ukoll tal-magna li twahhlet maghha stante illi l-wahda ma kienitx ser tinxtara minghajr l-ohra.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dghajsa tat-tip Fibrafort 215 Style mibjugha u kkonsenjata mis-socjetà intimata lill-esponenti kienet kolpita b'difetti latenti ai termini tal-Artiklu 1424 et seq tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta li jnaqqas il-valur tal-istess tant illi li kieku kien jaf b'dan id-difett l-esponenti ma kienx jixtri d-dghajsa msemmija u l-magna li xtara ghaliha.

2. Konsegwentement tirrixxindi il-bejgh tad-dghajsa kif ukoll tal-magna.

3. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom jirrifondu s-somma ta' Ewro39,391.00 ekwivalenti ghal Lm16,906.92 rapprezentanti l-prezz imhallas mill-esponenti lis-socjetà intimata ghad-dghajsa u ghall-magna u accessorji ohra.

4. Tikkundanna ulterjorment lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsu lill-esponenti s-somma ta' Ewro804.00 ekwivalenti ghal Lm345.00 inkwantu ghas-somma ta' Ewro117 rapprezentanti charges bankarji li hallas l-esponenti meta hallas il-prezz tad-dghajsa, tal-magna u tal-accessorji taghha u in kwantu ghal Ewro687.00 rapprezentanti drittijiet imhallsin lill-Inginier Marittimu Philip Grima mill-esponenti ghas-survey preparat minnu fuq inkarigu tal-esponenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-hlas tal-prezz tal-bejgh, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetajiet intimati jew min minnhom li huma ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni kif ukoll bl-ispejjez tac-cedola ta' depozitu tal-imsemmija dghajsa u magna taht l-Awtorità tal-Qorti liema cedola qieghda ssir kontestwalment mal-prezentata ta' dan ir-rikors.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Sundream Limited u Paul Chetcuti eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' Mecca Enterprises li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament Paul Chetcuti personalment kif ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta Mecca Enterprises ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu mhux legittimu kontradittur.

It-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-problemi elenkati mis-*surveyor ex parte* tar-rikorrent huma inezistenti u/jew huma attribwibbli ghall-ghemil u l-agir tar-rikorrent innifsu u/jew ma jikkostitwux difetti latenti ghall-finijiet tal-ligi u/jew ma humiex tali li jnaqqsu l-valur tad-dghajsa *de quo* tant illi r-rikorrent ma kienx jixtriha kieku kien jaf bihom.

L-esponenti jitolbu minn issa l-kjamata fil-kawza tas-socjetà manufattrici F. Marine Ind e Com de Produtos Náuticos Ltda, operanti fil-kummerc taht l-isem tad-ditta Fibrafort Boats Brazil.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti miżuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2013 din il-Qorti ħatret lill-Inġinier Paul Cardona bħala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2014 din il-Qorti ħatret lill-Kaptan Joseph Degabriele, lill-Inġinier Kurt Gutteridge u lill-Avukat Dottor Josette Grech bħala periti perizjuri.

Rat ir-relazzjoni tal-periti perizjuri.

Rat it-tweġibiet tal-periti perizjuri għad-domandi in eskussjoni tal-attur.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-azzjoni tal-lum hija dik magħrufa bħala l-*actio redhibitoria* a tenur tal-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili.  L-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tordna r-rexissjoni tal-bejgħ tad-dgħajsa tat-tip Fibrafort Style 215 kif ukoll magna outboard tal-marka Tohatsu MD 115 HP u konsegwentament ir-rifużjoni tal-prezz tal-bejgħ għaliex huwa jsostni li l-imsemmija dgħajsa hija milquta minn diversi difetti moħbija li jnaqqsu l-valur tagħha tant illi li kieku kien jaf bihom huwa ma kienx jixtriha.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fil-bidu tas-sajf tas-sena 2007 l-attur xtara dgħajsa tat-tip Fibrafort kif ukoll magna outboard tal-marka Tohatsu MD 115 HP mingħand is-soċjetà intimata Sundream Limited għall-prezz globali ta' madwar €39,391.  Fil-

bidu ta' Lulju tal-istess sena din id-dgħajsa ġiet varata minn rappreżentant tas-soċjetà intimata u ċioè Andre Chetcuti, iben l-intimat Paul Chetcuti, fil-preżenza l-attur. Tniżżlet il-baħar fil-bajja ta' Buġibba u nstaqet sa San Ġiljan fejn l-attur kellu l-irmiġġ.

Jirriżulta li waqt dan il-vjaġġ ġie nnotat illi d-dgħajsa kien daħlilha l-ilma u saħansitra sal-għada stess bdiet tereq. Peress illi ma setax jinstab minn fejn kienet ġejja din il-problema, id-dgħajsa ttellgħet mill-baħar minn rappreżentanti tas-soċjetà intimata sabiex tiġi spezzjonata fuq l-art u jidher li din il-problema ssolviet tant illi kif jiddikjara l-attur stess fix-xhieda tiegħu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2009, din il-kawża mhijiex ibbażata fuq dan l-inċident. Madanakollu, l-attur jispjega li kif din id-dgħajsa ġiet ritornata lilu huwa nnota li kienet mibruxa u migrufa. Huwa jostni li din il-ħsara saret mir-rappreżentanti tas-soċjetà intimata meta d-dgħajsa ttellgħet mill-baħar jew f'xi ħin ieħor meta kienet fil-pussess tagħhom. Huwa jilmenta wkoll illi meta reġa ħareġ bid-dgħajsa kellu problema biż-żejt tal-magna għaliex isostni li ma ġiex informat li kellu jħallat iż-żejt mal-*fuel*. L-attur ikompli billi jgħid illi fl-istess żmien huwa nduna li l-aċċessorji tal-ħadid tad-dgħajsa kienu qegħdin jissaddu.

Minħabba li huwa jgħid illi din id-dgħajsa kienet milquta minn diversi difetti moħbija, l-attur inkariga lis-surveyor Philip Grima sabiex jispezzjonaha u iħejji rapport dwarha meta ttellgħet mill-baħar fil-bidu ta' Settembru tas-sena 2007. Id-dgħajsa ġiet spezzjonata mis-surveyor fil-5 ta' Settembru ta' dik is-sena fil-boatyard fejn qiegħda tinżamm u skont dan ir-rapport kienet milquta mis-segwenti difetti:

i. Sadid u difetti oħra fl-aċċessjori li suppost għandhom ikunu ta' *marine grade stainless steel* iżda li mhumiex;
ii. *Anti-fouling system* ma sarx skont is-sengħa u l-arti;
iii. *Waterline* tad-dgħajsa li kien immarkat ħażin;
iv. Diversi grif u brix;
v. Il-*cable* tal-*battery* ma kienx sħiħx iżda imġannat;

L-attur jinsisti li d-dgħajsa kien jieħu ħsiebha u li kien għamel il-manutenzjoni kollha neċessarja fiż-żmien illi damet fil-

pussess tiegħu. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fix-xhieda tiegħu l-attur jilmenta diversi drabi dwar il-fatt illi rappreżentanti tas-soċjetà intimata ma tawhx servizz tajjeb u li ma ngħatax biżżejjed tahrig dwar kif titħaddem iżda ftit li xejn isemmi d-difetti identifikati fl-imsemmi rapport. L-attur jikkonferma li din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu jsuq dgħajsa u fil-fatt, meta ġiet varata huwa lanqas biss kellu liċenzja sabiex isuqha.

Jirriżulta li wara li sar dan ir-rapport mis-surveyor inkarigat mill-attur, bdew trattativi bejn il-partijiet sabiex l-attur jingħata dgħajsa oħra minflok dik mertu tal-kawża għaliex xtaq waħda iżgħar minnha. L-attur jgħid illi kienu rappreżentanti tas-soċjetà intimata u Paul Chetcuti stess li stqarru miegħu li d-dgħajsa in kwistjoni kellha ħafna difetti u għalhekk kienu lesti li jibdluha ma waħda iżgħar. Madanakollu, dawn it-trattativi fallew u fl-4 ta' Jannar 2008 kontestwalment mar-rikors ġuramentat li permezz tiegħu nbdew dawn il-proċeduri, l-attur iddepożita ċ-ċwievet tad-dgħajsa taħt l-awtorità ta' din il-Qorti b'dan illi d-dgħajsa nnifisha qiegħda tinżamm ġewwa *boatyard* il-Għargħur.

Da parti tagħhom l-intimati jiċħdu li huma qatt stqarru quddiem l-attur jew l-abbli konsulent legali tiegħu li din id-dgħajsa kienet milquta minn dawn id-difetti. Huma jsostnu li l-ħsarat li jilmenta dwarhom l-attur jew ma jeżistux jew seħħew unikament tort tiegħu minħabba nuqqas ta' esperjenza u/jew nuqqas ta' manutenzjoni tal-istess dgħajsa. Huma jinsistu li kienu offrew dgħajsa iżgħar lill-attur buona volonta tagħhom għaliex l-attur kien stqarr magħhom li għamel żball li xtara dgħajsa daqsekk kbira. Madanakollu, Paul Chetcuti jispjega li dan il-ftehim dejjem kien soġġett għar-risposta li kienu qegħdin jistennew mingħand is-soċjetà estera li mmanifatturat id-dgħajsa. Rappreżentanti tad-ditta estera fil-fatt ċaħdu li din id-dgħajsa hija milquta mid-difetti li jilmenta minnhom l-attur. Madanakollu huma bagħtu lill-intimati sett kamini u aċċessorji oħra ġodda minflok dawk li l-attur jgħid li ħarġilhom is-sadid. L-attur irrifjuta dawn l-aċċessorji ġodda għaliex jgħid li sa dak iż-żmien huwa kien tilef kull fiduċja fis-soċjetà intimata u rappreżentanti tagħha.

L-intimati inkarigaw lis-surveyor Joseph Amato sabiex jispezzjona d-dgħajsa waqt li din kienet fil-*boatyard* il-Għargħur. Huwa wasal għall-konklużjoni li d-difetti li għandha d-dgħajsa huma riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni. Waqt li dan ix-xhud kien qiegħed jixhed quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tqajmu dubji mill-attur u l-abbli konsulent legali tiegħu dwar jekk verament seħħitx din l-ispezzjoni jew le. Paul Schembri li huwa sid il-*boatyard* fejn qiegħda tinżamm id-dgħajsa jinsisti li Joseph Amato qatt ma mar sabiex jispezzjona d-dgħajsa in kwistjoni. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-attur li jeżistu dubji serji dwar din l-ispezzjoni tenut kont ta' ċertu inkonsistenzi fix-xhieda ta' Joseph Amato, l-aktar waħda serja fosthom il-fatt illi filwaqt illi l-ewwel darba li xehed fis-seduta tat-18 ta' Jannar huwa qal illi mar waħdu sabiex jispezzjona d-dgħajsa, ix-xhud biddel il-verżjoni tiegħu meta xehed fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2012 u minflok qal illi għall-ispezzjoni kien mar mal-intimat Paul Chetcuti li da parti tiegħu jsostni li kien attenda għall-ispezzjoni ma Joseph Amato.

L-intimati jressqu eċċezzjoni ta' natura preliminari li in forza tagħha jeċċepixxu li Paul Chetcuti f'ismu personalment eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Mecca Enterprises mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 t'April 2008:

> "*huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika*."

Fil-kawża fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta spjegat illi:

> "*Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport*."

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et deċiża fil-5 t'Ottubru 2001 irriteniet illi:

> "*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa, dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Din il-Qorti tqis li l-intimati m'għandhomx raġun f'din l-eċċezzjoni tagħhom. Mill-provi prodotti u speċjalment mix-xhieda mressqa din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li diversi drabi l-attur kien jingħata x'jifhem li huwa qiegħed jinnegozja ma Paul Chetcuti tramite d-ditta Mecca Enterprises u mhux biss mas-soċjeta intimata. Dan huwa rifless fid-diversi dokumenti eżebiti li huma f'isem Mecca Enterprises. Dawn jinkludu ricevuti fiskali maħruġa minn Mecca Enterprises u anke *bank draft* li permezz tiegħu l-attur għadda parti mill-pagament tad-dgħajsa lil din id-ditta. B'żieda ma dan, l-intimati jisħqu fuq ir-reputazzjoni tan-negozju li jiġġestixxu taħt l-isem ta' Mecca Enterprises tant illi anke ppreżentaw kopja tal-fuljett ta' din id-ditta.

Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet George Demanuele noe vs Mauro Gagliano et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 1995:-

> "*Min qed jallega li kuntratt għamlu mhux f'ismu iżda fi kwalità rappreżentattiva għandu l-oneru li juri li lill-parti l-oħra kien għarrafha li ma kienx qed jidher f'ismu: biex persuna li tkun qiegħda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha jkun meħtieġ li jigi provat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat ċar u tond li qiegħda tidher għal ħaddiehor, jew, jekk ma indikatx dan espressament, għall-inqas ikun jirriżulta biżżejjed li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf illi dik il-persuna tkun qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor*".

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet, Anthony Caruana et vs John Magro et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 ġiet citata ġurisprudenza fis-sens li:

> "*hija haġa minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor...... Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement li hu mhux obbligat personalment li jħallas il-kreditu tas-soċjetà attriċi. Fi kliem ieħor ma*

*jirriżultax sodisfaċentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjetà attriċi a tempo vergine hu gab a konjizzjoni tagħha li hu kien qiegħed jixtri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà u li din is-soċjetà biss kienet obbligata għall-ħlas" (**Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992; **Charles O'Flaherty nomine vs Joseph Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta'fl-24 ta' Gunju, 1987 u **Charles Mizzi vs Teddy sive Edward Borg** deċiża mill-istess Qorti fl-10 ta' Mejju 1990)'*.

Fis-sentenza fl-ismijiet Legend Real Estate Ltd vs Ron Chetcuti, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2003, ġie ritenut ukoll li:

*"Hu dak il mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attrici kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe vs Anthony Vella et**, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru, 1999)"*.

Aktar tard fl-istess sentenza l-Qorti żiedet li:

*"Jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparent lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wiehed kellu jippreżumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed tagħmel f'isimha proprju (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru, 1999)'."*

Fiċ-ċirkostazi tal-każ u applikati dawn il-prinċipji għall-każ illi għandha quddiemha llum, din il-Qorti ssib illi għamel sewwa l-attur li ħarrek ukoll lill-intimat Paul Chetcuti eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' Mecca Enterprises.

Dwar il-mertu din il-Qorti kkunsidrat illi l-perit tekniku l-Inġinier Paul Cardona spezzjona d-dgħajsa f'Ottubru tas-sena 2013. Peress li sa dak iż-żmien id-dgħajsa kienet ilha fil-*boatyard* għal snin sħaħ, huwa jibda billi jikkumenta li tinsab fi stat ħażin riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni. Minħabba f'hekk, il-perit tekniku jispjega li huwa ma setax jasal għall-konklużjonijiet tekniċi dwar id-difetti moħbija li jilmenta dwarhom l-attur iżda li minflok għamel eżerċizzju komparattiv tar-rapporti magħmula miż-żewġ surveyors inkarigati mill-partijiet. Huwa jikkonferma li d-difetti kollha li jsemmi s-surveyor Philip Grima jirriżultaw fid-dgħajsa u li speċifikament l-aċċessorji tal-metal tad-dgħajsa kkawżaw "corrosion". Il-perit tekniku jikkonkludi billi jgħid illi '*certain components used in the building of this yacht have shown signs of failure prematurely.*'

Da parti tagħhom il-periti perizjuri tekniċi spezzjonaw id-dgħajsa f'Novembru tas-sena 2014 u darb'oħra fi Frar tas-sena 2015. Huma jikkonkludi li fil-maġġor parti l-aċċessorji tal-ħadid għandhom biss marki superfiċjali jew evidenza żgħira ta' sadid li jistgħu jitnaddfu faċilment. L-uniku evidenza ta' sadid li sabu li kienet pjuttost serja kienet fl-*outboard well perimeter strips*.

Fir-rigward tal-*cable* tal-*battery*, minkejja li l-periti perizjuri tekniċi jikkumentaw li huwa minnu li dan ma kienx sħiħ, huma ma jgħidux illi l-mod kif sar huwa inaċċettabli kif lanqas ma jgħidu li riżultat t'hekk ġie kkawżat xi difett fid-dgħajsa.

Il-periti perizjuri tekniċi jkomplu billi jgħidu dwar l-*anti fouling* u l-marki tal-*waterline* li l-allegat difetti ma setgħux jiġu vverifikati minħabba li għadda ż-żmien. Huma jżidu li fi kwalunkwe każ dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala difetti moħbija għaliex huma indipendenti mill-kostruzzjoni u kwalità tad-dgħajsa nnifisha.

Għaldaqstant, huma jikkonkludu li filwaqt illi huwa minnu li l-aċċessorji tal-ħadid mhumiex kollha *marine grade stainless steel*, l-aċċessorji essenzjali huma kollha magħmula minn *stainless steel* tajjeb u li fil-fatt dawn l-aċċessorji għadhom f'kundizzjoni pjuttost tajba minkejja li ilhom snin mingħajr manutenzjoni. Huma jżidu li filwaqt illi f'ċirkostanzi ideali

jintuża *marine grade stainless steel*, fuq dgħajsa ta' dan il-kobor mhuwiex mandatorju, u li fi kwalunkwe każ, kif diġà intqal, huma sabu biss ftit evidenza ta' sadid. Finalment huma jikkonkludu li dan id-difett ma jaffetwax materjalment il-valur u użu tad-dgħajsa għaliex ir-riparazzjonijiet neċessarji jiswew anqas minn 2% tal-valur tagħha.

Huwa minnu li skont l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bħal materji istruttorji oħrajn huwa kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha:

> "*Dan però ma tistax tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami*." (Philip Grima vs Carmelo Mamo *et nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1998).

Ġie wkoll sewwa ritenut illi:

> "*F'ċirkostanzi bħal dawn ikun pružuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b' mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati*." (Benjamin Camilleri *nomine* vs Charles Debattista *nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001).

Fil-kawża Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 2004 ingħad illi:

> "*Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il konklużjonijiet ta'*

*perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et]*.' Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fit-30 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet Geswalda Caruana vs Francis Xerri.

F'dan il-każ jirriżulta li hemm żewġ perizji tekniċi konfliggenti. Il-liġi tipprovdi għan-nomina ta' periti addizzjonali sabiex ikun hemm mezz ta' verifika tal-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Camilleri vs Debattista, deċiża fid-9 ta' Frar 2001 u Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2005).

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti u r-rapporti tekniċi kollha li saru f'din il-kawża u ssib illi taqbel perfettament mal-konklużjonijiet tal-periti perizjuri u ma ssib l-ebda raġuni għalfejn il-konklużjonijiet tagħhom għandhom jiġu skartati.

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li sabiex tirnexxi azzjoni ta' din ix-xorta, id-difett moħbi jrid ikun ta' ċerta gravità relattivament għall-oġġett mibjugħ u għall-prezz imħallas għalih. Il-Qorti trid tkun sodisfatta ili d-difett lamentat kien inaqqas talment il-valur tal-oġġett mixtri, tant illi kieku l-attur kien jaf bih jew ma kienx jixtrih jew kien joffri prezz inqas (ara Vincenza Scicluna vs George Azzopardi noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju 1959).

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Helen Micallef vs Godfrey Debattista tas-27 ta' Ottubru 2005 qalet hekk dwar l-*actio redhibitoria*:

> *"Illi l-elementi tal-azzjoni sussidjarja rexissorja magħżula mill-attriċi jikkonsistu (a) f'bejgħ format ta' ħaġa milquta b'difett li jkun (b) gravi u serju, li (ċ) jkun mistur, u (d) li jkun diġa' jeżisti fil-waqt tal-bejgħ. Biex jista' jingħad li d-difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minħabba fih, il-ħaġa mixtrija ma tibqax aktar tajba għall-għan li għalih inxtrat (dan jissejjaħ difett gravi oġġettiv), jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx iħallas għall-ħaġa daqskemm fil-fatt ikun ħallas biex kisibha (dan jissejjaħ difett gravi suġġettiv). X'aktarx li għall-finijiet tal-azzjoni redibitorja, id-difett irid ikun oġġettivament serju. Difett ikun moħbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jagħmel eżami għaqli tal-ħaġa mixtrija bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f'qagħda li jista' jintebah bih fil-waqt tax-xiri. Iżda jekk difett ikun wieħed li jista' jidher jekk isir eżami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'għajn, ma jkunx jidher. B'mod partikolari, xerrej ma jistax jilgħabha tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita' tal-ħaġa mixtrija biex jeħles mill-obbligu li jifli b'għaqal il-ħaġa minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m'għandux il-ħila li jifli sewwa l-ħaġa mixtrija, għandu jdur għall-għajnuna ta' persuna midla jew imħarrġa f'dak l-oġġett."*

Il-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Ettore Lucia vs Tommaso Chevalier noe tal-21 ta' Ġunju 1920 qalet illi għall-azzjoni dwar difetti moħbija:

> *"È necessario che tali vizii siano di una certa gravità, le cui misura è determinata dalla legge su due criterii, l'uno obbiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all' uso cui è destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l'altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o almeno l'avrebbe acquistata a prezzo minore."*

Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha fil-każ ta' Joanna Camilleri vs Paulmid Developments tad-29 ta' Mejju 2012 spjegat illi:

> *"Għalhekk sabiex tirnexxi din l-azzjoni iridu jissussistu żewġ kondizzjoniijiet u cioe' li d-difett huwa (1) wiehed* ***gravi*** *u wkoll (2) li kien* ***mohbi****.*
>
> *(1) Dwar l-ewwel kondizzjoni intqal fid-dottrina illi: "Ogni difetto, per quanto sia piccolo, non puo' essere un vizio redibitorio. Se si fosse ammesso il compratore a far sciogliere la vendita per un difetto insignificante della cosa venduta, la stabilita' dei contratti e della proprieta' sarebbe stata scossa. I difetti gravi sono dunque i soli di cui si possa tener conto. Il giudizio sulla gravita' dei difetti e una questione di fatto …Ma il legislatore…ha indicato il criterio che dev'essere di guida ai giudici per fare quest'apprezzamento: I difetti sono gravi* ***quando rendono la cosa non atta all'uso cui e' destinata o che diminuiscono considerevolmente le ulitita'*** *che quest'uso poteva dare, tal che il compratore non avrebbe comprato o avrebbe dato un prezzo minore, se li avesse conosciuti. Bisogna dunque che le utilita' della cosa siano considerevolmente diminuite; una diminuzione leggera non basterebbe…"*
>
> *Dawn il-kriterji huma simili ħafna għal dak li nsibu fil-liġi tagħna bid-differenza illi, minflok diminuzjoni fl-utilita', il-liġi tagħna ssemmi l-****valur****."*

Fir-rigward tal-allegat difett li kien qiegħed jikkawża d-dhul tal-ilma fid-dgħajsa, kif diġà ntqal, kien l-attur stess li stqarr f'dawn il-proċeduri din il-problema kienet issolviet u li għaldaqstant, ma kellux aktar ilmenti dwarha. Il-Qorti hija għalhekk perplessa dwar kif fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jibqa' jilmenta dwar il-kwistjoni tad-dħul tal-ilma meta kien huwa stess illi stqarr quddiem l-assistent ġudizzjarju li ta' din il-kawża ma saritx abbażi ta' dan l-inċident.

Dwar il-marka tal-*waterline*, is-surveyor Philip Grima inkarigat mill-attur stess jikkonferma fix-xhieda tiegħu li hija prattika

normali li dan jiġi aġġustat meta tiġi varata d-dgħajsa u li jista' jkun li dan ġie sempliċiment immarkat ħażin u mhux bil-forsi ifisser difett fid-dgħajsa. Dwar il-*cable* tal-battery, l-istess surveyor jikkonferma li ma seħħet l-ebda hsara riżultat tal-fatt illi dan il-*cable* ma kienx sħiħ.

Din il-Qorti taqbel mal-periti perizjuri li l-ilment dwar l-*anti fouling* u l-marka tal-*waterline* ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala difetti moħbija fid-dgħajsa kemm għaliex dawn id-difetti qatt ma setgħu jiġu vverifikati kif ukoll fir-rigward tal-*anti fouling*, peress illi dan huwa sempliċiment żebgħa li ġiet applikata mad-dgħajsa mill-intimati stess qabel ġiet varata u allura ma tista' qatt tkun difett fid-dgħajsa.

Fir-rigward tal-grif u l-brix li jilmenta minnhom l-attur, mhuwiex kontestax illi d-dgħajsa ma nxtratx migrufa jew mibruxa imma li din il-ħsara saret wara - skont l-attur, meta ttellgħet mill-baħar mill-intimati jew meta kienet fil-pussess tagħhom, u skont l-intimati mill-attur stess riżultat tal-inesperjenza tiegħu. La d-dgħajsa ma nxtratx b'dawn il-ħsarat, dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala difetti għall-finijiet ta' din il-kawża. B'żieda ma dan, anke li kieku għall-grazzja tal-argument dawn id-difetti kienu hemm meta l-attur xtara d-dgħajsa, skont l-artikolu 1425 tal-Kodiċi Ċivili l-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru u in kwantu li din id-dgħajsa nxtrat ġdida u ġiet varata għall-ewwel darba fil-preżenza tal-attur stess, ċertament illi difetti ta' dan it-tip kien ser jarahom jew kien imissu rahom.

Il-Qorti, bħal periti perizjuri, hija tal-fehma li l-unika diffett li jista' jiġi kkunsidrat bħala difett moħbi f'din il-kawża huwa dak li għandu x'jaqsam mal-aċċessorji li ħarġilhom is-sadid ftit xhur wara li nxtrat id-dgħajsa. L-intimati jsostnu li s-sadid huwa sempliċiment '*weeping rust*' li huwa pjuttost normali li jinsab xi ftit jew wisq fid-dgħajjes. Jikkontendu li l-aċċessorji u kamini tal-ħadid in kwistjoni huma kollha magħmula minn *marine grade stainless steel*. Madanakollu s-surveyor Joseph Amato inkarigat mill-intimati stess jikkonferma li jista' jkun illi l-*istainless steel* li ntuża fuq din id-dgħajsa ma kienx *marine grade*. Iżda dan id-difett mhuwiex wieħed serju biżżejjed sabiex jimmerita ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ abbażi tal-

*actio redhibitoria* għaliex kif jikkonfermaw il-periti perizjuri, it-tiswijiet neċessarji jiswew inqas minn 2% tal-valur tad-dgħajsa.  Dawn id-difetti la jagħmlu d-dgħajsa mhux tajba għall-użu li għaliha nxtrat u lanqas ma jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien jofri prezz inqas li kieku kien jaf bihom.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Paul Chetcuti, tiċħad it-talbiet kollha attriċi.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur b'dan illi l-ispejjeż tal-ewwel eċċezzjoni ikunu a kariku tal-intimat Paul Chetcuti.

IMHALLEF

DEP/REG